MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 244/2012

**A B**
**-vs-**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf, disa mija u hamsa u sebghin (1975) u uliedhom miz-zwieg huma maggorenni u hadu l-istat taghhom.**(DOK A);**

Illi huma isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan Nutar Dottor Rachel Busuttil tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010 ) kif jirrisulta mill-anness kopja **(DOK B);**

Illi il partijiet kienu gja separati *de facto* qabel ma gie ippubblikat il-kuntratt premess, u cioe mill ewwel (1) ta Jannar tas-sena 2008. Gja qabel din id-data kellhom problemi gravi u serji bejniethom **;**

Illi ma hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u l-esponent qed ihallas il manteniment ikkuntrattat **.**

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din it-talba tissoddisfa ir-rekwisiti previsti mill artikolu 66B tal Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-27 ta Settembru 1975 **(DOK A)**ghandu jinhall ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti id-Digriet opportun;
2. Tordna lir Registratur tal-Qrati sabiex jinnotifika id-Digriet li permezz tieghu qed jinhall iz-zwieg tal-partijiet lid-Direttur tar Registru Pubbliku ta' Malta f'terminu li jigi lilu stabbilit minn dinn l-istess Qorti jigi iskritt fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-Intimata.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta, izda dehret ghas-seduta iffissata mill-Qorti u iddikjarat illi hija qeghda tidher b'rispett lejn il-Qorti izda ma tridx tiehu sehem attiv fil-proceduri billi hija tal-fehma illi d-divorzju huwa moralment hazin;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Awissu, 2010 u ilhom de facto separati mill-1 ta’ Jannar 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa dejjem hallas il-manteniment regolarment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------